**5 ta' Frar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Carmel Falzon

*versus*

Polidano Brothers Limited

**Kontumaċja - Appell**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet talba tas-soċjetà kontumaċja biex tiġġustifika l-ġustifikazzjoni.*

Il-Qorti:-

Illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża **Carmel Falzon** vs ***Polidano Brothers Limited***, *Avviż Numru 241/97, fl-14 ta'* April, 1997 billi laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat is-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u ħamsa u tmenin lira Maltija (Lm385);

Illi l-attur kien ippremetta illi s-soċjetà konvenuta kkawżat ħsara fir-residenza u proprjetà tiegħu, Villa La Cigale fi Triq

Virdun, il-Kappara u dan in segwitu ta' xogħlijiet esegwiti fi Triq Reġjonali u bħala riżultat ta' liema xogħlijiet kien hemm vibrazzjoni ġenerata mill-makkinarju użat u għal-liema danni s-soċjetà konvenuta hija responsabbli minħabba residenza u traskuraġni;

Illi l-attur ippreżenta l-kapitoli għas-subizzjoni tas-soċjetà konvenuta fis-seduta ta' l-10 ta' April, 1997, meta s-soċjetà konvenuta għamlet rikors biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha stante illi dak in-nhar ir-rappreżentant tagħha li kellu jidher il-Qorti kien indispost, iżda ma laħaqx jinforma b'dan lid-difensur tiegħu;

Illi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, is-soċjetà konvenuta għamlet rikors fl-14 ta' April, 1997, fejn spjegat illi hija kellha interess illi tikkontesta t-talbiet ta' l-attur u għalhekk talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

*Illi f'digriet mogħti fil-15 ta' April, 1997, l-Ewwel Qorti* astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors għaliex is-sentenza kienet diġà ngħatat;

Is-soċjetà konvenuta ħasset ruħha aggravata b'din is-sentenza u nterponiet appell minnha fuq l-aggravju illi:

Ma tatx smiegħ xieraq lis-soċjetà konvenuta; illi s-sentenza ingħatat fl-14 ta' *April, 1997* fl-istess jum li s-soċjetà konvenuta ppreżentat ir-rikors tagħha għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tagħha; illi l-Ewwel Qorti naqset illi tieħu konjizzjoni tar-rikors u għalhekk ċaħdet lis-soċjetà konvenuta mid-dritt li tikkontesta t-talbiet attriċi u tressaq il-provi tagħha; illi l-fatt li r-rikors ġie ppreżentat fl-istess jum li ngħatat is-sentenza jfisser li kien tempestiv u l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu li tikkunsidrah; anke jekk forsi wara, kienet

tiċhad it-talbiet magħmula fih; illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset illi tagħti l-opportunità lis-soċjetà konvenuta li tressaq il-provi tagħha, illi dan huwa prinċipju sagrosant ta' ġustizzja naturali u l-preġudizzju li qed issofri s-soċjetà konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ċar;

Illi l-meritu tal-kawża huwa ta' danni sofferti mill-attur, allegatament ikkawżati mis-soċjetà konvenuta; illi l-attur ma ġabx provi li s-soċjetà konvenuta kkawżat id-danni; lanqas ma qal kif ikwantifika d-danni minnu sofferti; illi stante li l-meritu tal-kawża huwa danni sofferti, l-Ewwel Onorabbli Qorti messha semgħet ix-xhieda tas-soċjetà attriċi qabel ma għaddiet għas-sentenza tagħha, anke fil-kontumaċja *tas-soċjetà konvenuta*;

Għaldaqstant l-appellanti talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka *s-sentenza appellata*;

L-appellat wieġeb hekk:

Illi s-sentenza hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata;

*Illi jiġi rrilevat illi s-soċjetà konvenuta ġiet debitament* notifikata bl-avviż u nonostante li kellha żmien raġonevoli biex tippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet dan ma għamlitux;

Illi matul l-ewwel udjenza tal-kawża ma kien hemm ħadd preżenti għan-nom tad-ditta konvenuta u lanqas l-avukat ta' l-istess. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-esponenti ippreżenta kapitolu u l-Qorti ddifferiet il-kawża għas-subizzjoni. Fid-differiment li segwa għal darba oħra ma deher ħadd għan-nom tal-konvenut u kwindi l-kawża ġiet deċiża. Kien biss wara li ngħatat is-sentenza *li deher l-avukat tal-konvenut u nforma l-Qorti li kien* għadu kif ippreżenta rikors fejn talab 'il-Qorti li tissospendi l-protezzjoni tas-sentenza. Il-Qorti ġustament ma għamlet xejn

billi kienet ġà ppronunzjat ruħha u fi kwalunkwe każ ir-rikors intavolat kien irrilevanti għaliex il-kawża dak in-nhar kienet differita għas-subizzjoni u kien biss wara li ma deherx il-konvenut biex jirrispondi għall-kapitolu li *l-Qorti għaddiet* għas-sentenza. Il-konvenut sal-lum għadu ma ġġustifikax l-assenza tiegħu fl-udjenzi li żammet il-Qorti;

Illi subordinatament jiġi rrilevat illi l-ammont ta' danni likwidat ġie ndikat fil-kapitolu u huwa l-ammont likwidat mis-*surveyors* mibgħuta mill-assikuraturi tad-ditta konvenuta kif ġà ġie kkomunikat lill-konvenuti qabel ma nfetħet il-kawża odjerna b'dan għalhekk illi l-konvenut *ma għandux jitħalla iqajjem* kwistjonijiet li huma għal kollox frivoli u vessatorji;

Wara li rat il-verbal tal-lum u l-atti l-oħra kollha tal-kawża u wara li semgħet ukoll lid-difensur ta' l-appellat;

Wara li kkunsidrat li l-appellanti debitament innotifikat għas-seduta tal-lum (ara *riferta* fol. 18 a tergo), imsejjaħ ripetutament baqa' ma deher ħadd għan-nom tas-soċjetà appellanti u lanqas wieħed miż-żewġ avukati *firmatarji* tar-rikors ta' appell;

Wara li kkunsidrat mill-atti proċesswali *jirriżulta li* wara, in assenza ripetuta da parti tas-soċjetà appellanti u wara li kien ġie ukoll ippreżentat kapitolu kontriha għas-subizzjoni tagħha, li l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża, l-appellanti ppreżenta rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Billi ovvjament dak li ntalab ma setax jiġi *milqugħ* għax *is-sentenza* kienet ġà ngħatat, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors. Fil-fatt l-Ewwel Qorti setgħet addirittura tiċħad it-talba fiċ-ċirkostanzi inoltrati kif kienu. Però żgur ma jistax jingħad li l-appellant ma ġiex mogħti smiegħ jew aditu xieraq. Jekk ippretenda li jinstema' *in absentia*, dik affari tiegħu, imma mill-

atti jirriżulta bic-car li l-kawża ħadet il-kors li ħadet b'tortijiet li se mai huma attribwibbli lill-appellant u lil ħadd iżjed. Mill-bqija għandu jirriżulta li l-Qorti mxiet korrettement;

Ikkunsidrat ukoll li tenut kont ta' dak li ssottometta l-appellant fir-rikors ta' appell, li meta jingħata appuntament għall-fini ta' trattazzjoni ta' dana l-appell, li hu jew f'*kull każ* xi wieħed mill-avukati tiegħu kien sejjer jidher biex jitratta u jispjega l-każ tiegħu. *Għal darb'oħra kien hemm assenza* u inadempjenza totali ukoll da parti tas-soċjetà konvenuta appellanti. Il-*Qorti* għalhekk *ma* tistax tifhem kif l-appellant jilmenta fir-rikors tiegħu li l-Ewwel Qorti naqset mill-"prinċipju sagrosant ta' ġustizzja naturali" (*sic*), meta huwa l-appellant li qiegħed ipoġġi lilu nnifsu f'qagħda li ma jsemmax leħnu jew li jressaq l-ilmenti tiegħu skond il-liġi. Kwindi l-appellanti *ma* għandhiex *raġun li tilmenta* għax *hu każ evidenti* ta' *imputat sibi*. Bl-istess mod jingħad li kwantu għal meritu ma tressqet ebda raġuni ta' sustanza jew ta' validità l-għala għandha tiġi ddisturbata s-sentenza appellata u wisq anqas li din tiġi revokata. L-Ewwel Qorti mxiet fuq il-provi li kellha quddiemha, kompriż il-kapitolu li ġie ppreżentat mill-appellat - ara kapitolu a fol. 7 tal-proċess;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Qorti *tal-Maġistrati fl-14 ta' April*, 1997, fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha.

---